**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant iqajjem l-aggravji li ġejjin:

— Il-forza maġġuri minħabba l-gwerra interrompiet il-preskrizzjoni. Is-sitwazzjoni li kien ikkonfrontat biha l-appellant mix-xahar ta' Novembru 2010 fil-Côte d'Ivoire, tikkostitwixxi każ ta' forza maġġuri, skont l-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-istat ta' gwerra li għandu l-effett li jinterrompi t-termini ta' preskrizzjoni tal-atti adottati mill-Kunsill kontra tiegħu.

— Dan il-każ ta' forza maġġuri minħabba l-gwerra jipprekludi l-possibbiltà li l-appellant ikun jista' jeżerċita liberament id-dritt ta' appell tiegħu kontra atti li jiksru b'mod ċar id-drittijiet fundamentali.

— Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali għandhom preċedenza fuq il-prinċipju ta' ċertezza legali. Meta invokat il-prinċipju ta' ċertezza legali sabiex tiddikjara inammissibbli t-talba tal-appellant, il-Qorti Ġenerali ppreġudikat id-dritt fundamentali ta' aċċess għal qorti u għad-drittijiet ta' difiża. Għalhekk, l-appellant ġie mċaħħad mid-dritt ta' smigħ tiegħu minn qorti kompetenti.

— In-nuqqas ta' infurzabbiltà tat-terminu għall-raġunijiet ta' distanza u għall-preżentata ta' rikors fil-każ ta' gwerra. It-terminu għall-raġunijiet ta' distanza u għall-preżentata ta' rikors ma jistgħux jiġu infurzati kontra destinatarju residenti fi Stat fejn hemm gwerra fil-miftuħ. Termini bħal dawn japplikaw biss waqt żmien ta' paċi u fuq il-kontinent Ewropew. Issa, l-appellant jinsab f'kontinent ieħor u, għalhekk, l-applikazzjoni stretta tal-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali għall-każ preżenti tikser mingħajr kontestazzjoni l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

— Il-preċedenza tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jannulla kull obbligu ta' notifika stabbilit fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi li t-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri min-notifika jew mill-pubblikazzjoni jew minn meta l-persuna interessata ssir taf bl-att. Fil-fatt, l-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura ma jikkunsidrax l-obbligu ta' notifika u lanqas ma jieħu inkunsiderazzjoni l-ġurnata meta r-rikorrent sar jaf bl-att, u b'hekk jillimita l-kliem u l-ispirtu tal-Artikolu 263 TFUE. B'dan il-mod, l-Artikolu 102 jqiegħed indiskussjoni d-drittijiet previsti u protetti mit-Trattat, li għandu valur ġuridiku superjuri u li japplika għall-istituzzjonijiet li jiffurmaw l-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, peress li l-atti kkontestati ma ġewx innotifikati lill-appellant, bi ksur tal-Artikolu 263(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-terminu għar-rikors jibda jiddekorri biss mill-mument meta r-rikorrent ikun sar jaf bl-atti maħruġa fil-konfront tiegħu.

— Ksur serju tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali. Il-prinċipju ta' ċertezza legali kif stabbilit mill-Qorti Ġenerali jpoġġi serjament indiskussjoni ċ-ċertezza legali fit-totalità tagħha, peress li l-individwi residenti barra mill-Unjoni Ewropea u residenti f'pajjiż li qiegħed fi gwerra jingħataw sanzjonijiet li dawn ma jistgħux jeżerċitaw kontrihom, b'mod effettiv, id-drittijiet għal rikors tagħhom, peress li ma jkunux jafu b'din is-sanzjoni.

— Sussidjarjament, l-appellant jitlob l-annullament tal-atti adottati kontra tiegħu mill-Kunsill minħabba l-gravità tal-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet fundamentali. Peress li l-atti kkontestati jiksru l-libertajiet fundamentali protetti minn diversi trattati internazzjonali, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tannulla l-atti msemmija, peress li l-illegalità tagħhom tikser l-ordni Ewropew stabbilit u minħabba li l-ebda terminu għall-preżentata ta' rikors ma jista' jiġi invokat minħabba l-gravità tal-ksur tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali protetti.

---

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2011 minn Katinan Justin Koné mid-Digriet tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) mogħti fit-13 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-349/11, Koné vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-479/11 P)**

(2012/C 6/04)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Katinan Justin Koné (rappreżentanti: L. Bourthoumieux, J. Vergès, R. Dumas u M. Ceccaldi, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellant**

— tiddkajara l-appell ta' K. Justin Koné ammissibbli;

— tannulla d-Digriet T-349/11 tat-13 ta' Lulju 2011 li jiddkjara li r-rikors inammissibbli;

— tirrinvija lill-appellant quddien il-Qorti Ġenerali sabiex ikun jista' jinvoka d-drittijiet tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jbati l-ispejjeż skont l-Artikoli 69 u 73 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka l-aggravji li ġejjin:

— Forza maġġuri minħabba l-fatt li l-gwerra tinterompi lill-preskrizzjoni. L-avvenimenti li ffaċċja l-appellant mix-xahar ta' Novambru 2010 fil-Côte d'Ivoire, jikkostitwixxu każ ta' forza maġġuri fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-istat ta' gwerra li kellu bħala effett li jitterrompi t-termini ta' preskrizzjoni tal-atti meħuda kontrih mill-Kunsill.

— Il-każ preżenti ta' forza maġġuri minħabba l-fatt li l-gwerra kienet ostakolat lill-appellant mill-jeżerċita b'mod liberu id-dritt ta' rikors tiegħu kontra l-atti li jiksru b'mod manifest id-drittijiet fundamentali tiegħu.

— Il-fatt li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali huma superjuri għall-prinċipju ta' ċertezza legali. Billi invokat il-prinċipju ta' ċertezza legali sabiex tiddikjara inammissibbli t-talba tal-appellant, il-Qorti Ġenerali tippreġudika d-dritt fundamenti ta' dritt għal proċess u d-drittijiet ta' difiża. B'hekk, l-appellant kien ġie mċaħħad mid-dritt ta' smigħ tiegħu quddiem qorti kompetenti.

— In-nuqqas ta' infurzabbiltà ta' terminu minħabba d-distanza u ta' terminu ta' rikors minħabba gwerra. It-terminu minħabba d-distanza u ta' terminu ta' rikors ma jistgħux jiġu infurzat kontra destinarju li jirresjedi fi Stat fejn hemm gwerra għaddejja. Tali termini japplikaw biss fi żmien ta' paċi u fil-kontinet Ewropew. Issa, l-appellant jinsab f'kontinent ieħor, u, minħabba dan, l-applikazzjoni stretta tal-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali fil-kawża preżenti hija mingħajr dubju bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal- Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

— Is-superjorità tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jrendi null kwalunkwe obbligu ta' notifikazzjoni bħalma huwa previst mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi li t-terminu ta' rikors jibda jiddekorri min-notifikazzjoni jew mill-pubblikazzjoni jew minn meta l-parti kkonċernata tkun ħadet konoxxenza ta' dan l-att. Fil-fatt, l-Artikolu 102 tar-Regoli tal-Proċedura ma jikkunsidrax l-obbligu ta' notifikazzjoni u ma jieħux inkunsiderazzjoni l-ġurnata li fiha l-appellant ħa konoxxenza effettivament tal-att, u b'hekk jillimita l-kliem u l-ispirtu tal-Artikolu 263 TFUE. Minħabba dan, l-Artikolu 102 idaħħal inkwistjoni d-drittijiet previsti u protetti mit-Trattat, li għandu valur ġuridiku superjuri u li huwa impost fuq l-istituzzjonijiet li jikkomponu l-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, peress li l-atti kkontestati ma ġewx innotifikati lill-appellanti u dan, bi ksur tal-Artikolu 263(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, it-terminu tar-rikors setgħa jibda jiddekorri biss mill-mument li fih huwa ħa konoxxenza tal-atti meħuda kontrih.

— Preġudizzju gravi lid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali kif iddikjarat mill-Qorti Ġenerali jdaħħal inkwistjoni b'mod gravi liċ-ċertezza legali fit-totalità tagħha, peress li l-invidwi li jgħixu barra mill-Unjoni Ewropea u li jirresjedu f'pajjiż fejn hemm il-gwerra ma jkunux jistgħu jopponu s-sanzjonijiet li kontrihom ma jistgħux jeżerċitaw id-drittijiet ta' appell tagħhom b'mod utli, peress li ma ħadux konoxxenza ta' din is-sanzjoni.

— Sussidjarjament, l-appellant jitlob l-annullament tal-atti meħuda kontrih mill-Kunsill, minħabba l-gravità tal-ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali. Peress li l-atti kkontestati jiksru l-libertajiet fundamentali protetti minn Trattati internazzjonali differenti, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tannulla l-imsemmija atti sa fejn l-illegalità tagħhom tikser l-ordni Ewropew stabbilit u minħabba l-fatt li l-ebda terminu ta' rikors ma jista' jiġi kkontestat minħabba l-gravità tal-ksur tal-libertajiet u drittijiet fundamentali protetti.

---

**Appell ippreżentat fil-21 ta' Settembru 2011 minn Akissi Danièle Boni-Claverie mid-Digriet tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) mogħti fit-13 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-350/11, Boni-Claverie vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-480/11 P)**

(2012/C 6/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Akissi Danièle Boni-Claverie (rappreżentanti: L. Bourthoumieux, J. Vergès, R. Dumas u M. Ceccaldi, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tiddikjara r-rikors ta' A. Danièle Boni-Claverie ammissibbli;

— tannulla d-Digriet T-350/11 tat-13 ta' Lulju 2011 li jikkonstata r-rikors inammissibbli;